Qorti tal-Maġistrati (Malta)

# RIK NRU 179/2019: JOHANN VASSALLO (ID. 518379M) U DORIANNE VASSALLO (ID. 640582M) V. JURGEN MICALLEF PERSONALMENT U GĦAD-DITTA J.J. MICALLEF BUILDING CONTRACTORS

(AMMONT DOVUT – AMMISSJONI)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**19 ta' Ottubru 2020**

IL-QORTI,

wara li kkunsidrat ir-rikors ta' Johann u Dorianne konjugi Vassallo bil-karta ta' identità numru 518379M u 640582M rispettivament ("ir-rikorrenti") ippreżentata fl-20 ta' Awwissu 2019,

wara li rat in-nota t'ammissjoni ppreżentata minn Jurgen Micallef personalment u għad-ditta J.J. Micallef Building Contractors ("l-intimat") fit-22 ta' Jannar 2020[1],

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Ir-rikorrenti qed jitolbu mingħand l-intimat is-somma ta' ħamest elef u disa' mitt euro (€5,900) import ta' ċekk personali tal-intimat li ma' ssarrafx u li jkopri valur ta' *credit note* maħruġ mid-ditta J.J. Micallef Building Contractors, flimkien mal-imgħax legali u l-ispejjeż inklużi dawk ta' ittra maħruġ fit-8 ta' Mejju 2019 kontra l-intimat li ġie ukoll inġunt in subizzjoni.

[1] Fol 15

2. Fit-22 ta' Jannar 2020 l-intimat ippreżenta nota li permezz tagħha ammetta t-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti.

3. Din l-ammissjoni la kienet kwalifikata u lanqas magħmula b'xi kundizzjonijiet u għalhekk anke fuq l-iskorta tal-massima *confessio facta in judicio omni probatione major est* it-talba tar-rikorrenti tirriżulta ġustifikata u timmerita konferma.

**Deċiżjoni**

4. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiddisponi minn din il-kawża billi tilqa' t-talba tar-rikorrent u:**
    1. **Tiddikjara li l-intimat huwa debitur tar-rikorrenti fis-somma ta' ħamest elef u disa' mitt euro (€5,900) import ta' ċekk personali tal-intimat li ma' ssarrafx u li jkopri valur ta' *credit note* maħruġ mid-ditta J.J. Micallef Building Contractors;**
    2. **Tikkundanna lill-intimat jħallas lir-rikorrenti dan l-ammont flimkien mal-imgħax fuq din is-somma mill-14 ta' Frar 2017 sad-data tal-pagament effettv;**
    3. **Fir-rigward tal-ispejjeż dawn jkunu a karigu tal-intimat.**

V.G. Axiak — M. Azzopardi

Maġistrat — Dep. Reġistratur